KUNSILL LOKALI | KALKARA | LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10/25

5 t' Awwissu 2025

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru,1897 fl-4 ta' wara nofsinhar.

### PREŻENTI:

Wayne Aquilina - Sindku
Speranza Chircop - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsillier
Vincent Bongailas - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

### ASSENTI:

Christopher Bruno - Kunsillier

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Etienne Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

**10.25.1 Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

10.25.1.1 Is-Sur Vincent Bongailas informa li ġej ftit minuti tard għal-laqgħa.

**10.25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

10.25.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 9.25 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

10.25.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni mis-Sur Christopher Bruno u sekondati mis-Sa Maria Sultana l-minuti ta' seduta 9.25 ġew approvati unanimament.

10.25.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**10.25.3 Punti mill-Minuti Preċedenti**

6.24.5.1 **Ġnien is-Salvatur**

Is-Sindku informa li għada l-Erbgħa ser jitwaħħlu l-fanali wara sar l-*insulation test* fejn ġie kkonfermat li l-*cables* ta' taħt l-art li jissuplixxu d-dawl lill-fanali huma tajbin.

L-*electrician* ikkonferma wkoll li l-*floodlights* li jinsabur fl-istess ġnien li jixgħelu is-swar jaqgħu taħt ir-responsabbilita` tal-Enemalta. Għalhekk intbagħtet imejl lil Enemalta sabiex jiġu jirrenġaw il-*cables* peress li huma mqabbdin mad-distribuzzjoni tal-Gvern Ċentrali.

7.25.1.1 **Serviżż Door-to-Door ta' Ġbir ta' Kontenituri Reċikabbli li Jittieħdu mill-Magni tal-BCRS**

Is-Sindku ikkonferma li dan is-servizz beda jitħaddem b'mod uffiċjali mill-1 ta' Lulju taħt skeda fissa li ser jiġi provdut kull ħmistax. Huwa żied jgħid illi fl-ewwel ġurnata ibbenefikaw 23 persuna minn dan is-servizz. Dakinhar, il-ġbir minn door-to-door spiċċa fis-2pm u għalhekk is-Sindku talab li s-servizz jiġi estiż sas-7pm u vettura tal-BCRS marret ħdejn l-iskola Primarja tal-Kalkara.

Is-Sa Sultana talbet li meta tkun ġejja l-vettura tal-BCRS, tittella' post fuq il-Facebook Page tal-Kunsill Lokali ħalli r-residenti jkunu mgħarfa bis-servizz.

Is-Sindku staqsa lill-Kunsill, meta l-vettura tal-BCRS tlesti d-door-to-door, għandix tkompli tipprovdi s-servizz f'post fiss jew ikollha post differenti kull darba li tiġi.

Is-Sur Vincent Bongailas ingħaqad għal-laqgħa fid-9.08am.

7.25.4.3 **Xogħolijiet fl-Akkwati taċ-Ċimiterju ta' Wied Għammieq**

Is-Sindku qal li kien hemm response tajjeb din is-sena għall-Mediterrean Film Festival (mhux il-Golden Bee Award). Il-Kalkara ospitat madwar 1,500 persuna kuljum matul dan l-avveniment.

Is-Sindku ser jikteb ittra ta' ringrazzjament lill-Kummissarju tal-Films u li ser jissuġerixxilu sabiex fis-snin li ġejjin dan il-Festival jibqa' jittella' ġewwa l-Kalkara.

Il-Kunsill unanimament qabel li s-Sindku jikteb ittra ta' ringrazzjament u jgħaddi s-suġġeriment li tiegħu.

7.25.5.1 **Talba għall-Parkeġġ Riservat għal-Lotto Office**

Wara t-talba tal-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv bagħat imejl lis-sid tal-Lotto Office sabiex jikkonferma l-ħinijiet ta' ftuħ. Sid l-istabbiliment wieġeb illi bħalissa jinsab b'nuqqas ta' ħaddiema u għalhekk ma jistax jżomm mal-ħinijiet stabbiliti. Madanakollu, huwa nforma li fil-ġimgħat li ġejjin ser ikun f'pożizzjoni li jkun jista' jaderixxi mal-ħinijiet stabbiliti.

7.25.5.2 **Timed Parking quddiem tal-Istabbiliment tal-Ħobż**

Is-Sindku nforma li wara saret it-*timed parking* quddiem l-istabbiliment tal-ħobż, jidher li ħafna mis-sidien tal-vetturi qed jaderixxu mat-tabella.

8.25.4.4 **Kameras tas-Solveljanza fiż-żona tax-Xewkija**

Is-Sindku nforma li 7 kameras tas-solveljanza ġewwa ż-żona tax-Xewkija qed jaħdmu u li issa ġew ikkonetjati mas-sistema tal-LESA.

8.25.4.8 **Xelter f'Taraġ San Ġużepp**

Inbeda l-proċess għad-devoluzzjoni tax-xelter li jinsab taħt it-taraġ ta' San Ġużepp. Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed jipprepara d-dokumenti meħtieġa flimkien mal-Perit tal-Kunsill għl dan il-għan.

**10.25.4** **<u>Kommunikazzjoni mis-Sindku</u>**

9.25.4.1 **Inizjattiva minn Pjazza għal Pjazza**

Is-Sindku informa li wara li kienu ntgħażlu 15-il lokalita` mill-Arts Council fosthom il-Kalkara li ser tieħu finanzjament ta' €25,000. L-attivita' bl-isem 'Minn Pjazza Għal Pjazza' ser titella' matul ix-xahar t'Ottubru 2025 ġewwa Misraħ Arċisqof Gonzi. L-iskop ta' din l-inizjattiva huwa sabiex il-pjazez tal-lokal jingħataw aktar ħajja.

9.25.4.1 **Community Worker Scheme**

Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva kommunikazzjoni mingħand il-Community Workers Scheme dwar ħaddiem ġdid li jingħaqad mal-Kunsill Lokali tal-Kalkara. Il-ħaddiem ġdid ser ikun qiegħed jiġi assenjata knis f'Dawret il-Bajja fuq il-blat u fejn hemm is-simenta minħabba li bħalissa din il-bajja tkun frekwentata ħafna.

9.25.4.2 **Lejla Rnella 2025**

Is-Sindku tkellem dwar il-preparamenti li għaddejjin bħalissa dwar l-avveniment annwali ta' Lejla Rnella 2025. Żied jgħid li din is-serata mużikali ser tkun mfassla fuq tas-sena li għaddiet u li issa laħqet fuq livell professjonali. Bħala line up tas-serata, ser ikun hemm il-band famuża, The Traveller, Dr Koroma u mużiċisti oħrajn. Għal rigward ta' finanzjament, din is-sena, id-Diviżjoni Għall-Gvern Lokali allokat il-fond massimu li tipprovdi l-iskema ta' €20,000. Il-Kunsill Lokali huwa obbligat li joħroġ 15% fuq dan l-ammont. Filfrattemp, is-Sindku għamel kuntatti ma' entitajiet lokali sabiex jagħtu l-kontribuzzjoni tagħhom fosthom l-Malta Film Studios, Heritage Malta, SmartCity u Malta Tourism Authority. Dan sabiex il-Kunsill ma jidħolx fi spejjeż addizzjonali. Il-Kunsill ser jiġi provdut rendikont dettaljat dwar l-ispiża ta' din l-attivita`.

9.25.4.3 **Tiġdid tal-Ispazju għad-Dgħajjes Ġewwa x-Xewkija**

Matul ix-xahar t'Awwissu 2025, is-sidien tad-dgħajjes li ngħataw spazju temporanju fiż-żona tax-Xewkija ser jiġu nfurmati sabiex matul il-perjodu ta' Settembru huma jiġu jħallsu l-ħlas amministrattiv annwali.

Is-Sur Bongailas staqsa x'tip ta' eżerċizzju qed jsir biex jiġi żgurat li dawn is-sidien tad-dgħajjes qed jaderixxu mat-termini u kundizzjonijiet mogħtija lilhom. Huwa ġie nfurmat li kull xahar, l-Amministrazzjoni tal-Kunsill qed tieħu notament ta' kull dgħajsa u l-ispazju mogħti lilha.

Is-Sur Bongailas reġa' staqsa dwar l-abbużi fuq il-bagi fix-xatt tal-Kalkara. Il-Kunsill unanimament qabel li tintbagħat ittra uffiċjali lit-Transport Malta fuq dan ir-rigward.

9.25.4.4 **The Malta Architecture & Spatial Planning (MASP) Awards**

Is-Sindku ikkomunika mal-Kunsill li l-proġett tax-Xatt b'mod partikolari Misraħ Arċisqof Gonzi rebaħ l-Award għas-sena 2024 bħala l-aħjar disinn fejn jidħol spażju miftuħ. Is-sottomissjoni għal dan l-Award ġiet sottomessa mill-GHRC li kienet l-Entita` li ddisinjat u għamlet ix-xogħolijiet neċessarji fuq dan il-proġett.

9.25.4.5 **Applikazzjoni dwar Interess fuq Installazzjoni ta' *Bike Racks***

Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali sabiex jissottometti l-proposta tiegħu għall-installazzjoni ta' *bike racks*.

Is-Sindku qiegħed jipproponi li jitwaħħlu 3 *bike rack* f' dawn l-akwati: Pjazza Sagra, Dawret ix-Xatt u Bajja Rinella.

9.25.4.6

**Aġġornament dwar it-*Tender* Għas-Servizzi ta' Perit**

Is-Segretarju Eżekuttiv inform li *tender* għas-servizz tal-perit ingħata u li bdew id-diskussjonijiet miegħu u mas-Sindku dwar il-proġetti pendenti tal-Kunsill.

9.25.4.7

**Studju dwar Rapport dwar Ġbir ta' Skart bil-Lejl**

Ir-Reġjun Port ipprepara rapport dettaljat wara studju li sar fuq il-ġbir ta' skart matul il-lejl. Il-Kunsill tal-Kalkara flimkien ma' Kunsilli oħra qiegħed jopponi li l-iskart jingabar filgħaxija. Hemm Kunsilli oħra li huma favur. F'dan ir-rapport hemm aktar dettalji u nformazzjoni fuq dan l-istudju.

**9.25.5**

**<u>Korrispondenza</u>**

9.25.5.1

Ma kienx hemm.

**9.25.6**

**<u>Komunikazzjoni mill-Kunsilliera</u>**

<u>Is-Sa Speranza Chircop</u>

9.25.6.1

Is-Sa Speranza ppreżentat rendikont tal-aħħar attivita` f'Ghawdex kif ukoll rendikont tal-ispejjeż fuq il-ġurnata fi Sqallija.

9.25.6.2

Is-Sa Speranza flimkien mas-Sindku kellhom laqgħa ġewwa l-Ministeru għat-Trasport fejn provdew informazzjoni u dettalji dwar it-trasport pubbliku ġewwa l-Kalkara. Huma talbu li jsir aġġornament ta' dan is-servizz. Anness jinsab ir-rapport li ġie diskuss li qiegħed jiġi mmarkata bħala Dok 1.

9.25.6.3

Is-Sa Speranza nfurmat li s-sessjoni tal-*yoga* ser jieqfu matul is-Sajf minħabba s-sħana u ser jergħu jibda bejn Settembru u Ottubru.

9.25.6.4

B'kollbaroazzjoni mal-FITA, is-Sa Speranza qalet li ser jerġa' jsir il-kors għall-anzjani ser jintalbu li jġibu l-laptop personali tagħhom.

9.25.6.5

Is-Sa Speranza ser torganizza ħarga kulturali f'Settembru ġewwa Għawdex.

**9.25.7**

**<u>Punti Ġenerali</u>**

9.25.7.1

Is-Sa Sultana lmentat li t-tisqija tal-pjanti fi Triq Santa Filomena qed isir 6.15am. Talbet li t-tisqija ssir aktar tard. Talbet ukoll li meta jsaqqu ma tintużax il-monka għax qed jinħela ħafna ilma. Is-Sa Sultana nnutat ukoll li fl-istess akwata qed isir abbuż tad-drogi.

9.25. 7.2

Is-Sindku ikkomunika li f'isem il-poplu Kalkariż qed jistieden lil Maria Sultana biex tirrappreżenta l-kuruni bil-fjuri lic-Circolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Familja u Għaqda Mużikali San Ġużepp. Is-Sindku tkellem dwar is-sens ċiviku sabiex il-Kunsill jippromwovi l-għaqda u jevita kull tip ta' kunflitti jew minbgħeda maż-żewġ għaqdiet.

**9.25.8**

**Mistoqsijiet lis-Sindku**

9.25.8.1

Ma kienx hemm.

**9.25.9**

**Mozzjonijiet**

9.25.9.1

Fuq pronoment tas-Sur Christopher Bruno u li ġiet sekondata mis-Sa Maria Sultana, il-laqgħa li jmiss ser tibda fid-9.00am.

Il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta tagħhom.

**9.25.10**

**Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier din il-ġimgħa biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti.

Fuq proposta tas-Sa Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Vincent BongailasMaria Sultana, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**9.25.11**

**Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

Is-seduta ntemmet fl-10.30am wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 5 ta' Lulju 2025, fid-9.00am. Il-kumplament tal-Kunsill qabel unamimament.

Konfermati, illum 05/08/25

**Wayne Aquilina**
**Sindku**

**Etienne Scicluna**
**Segretarju Eżekuttiv**